V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10436 — MOËT HENNESSY / CAMPARI / CLASS A TANNICO SHAREHOLDERS / TANNICO)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 475/06)

1. Fil-15 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Moët Hennessy S.A.S. ("Moët", Franza), li tappartjeni għall-grupp Agache SEDCS,

— Davide Campari-Milano N.V. ("Campari", in-Netherlands),

— Marco Magnocavallo u Andrea di Camillo ("Class A Tannico Shareholders", l-Italja),

— Tannico e Wineplatform S.p.A. ("Tannico", Italy), controlled by Campari and Class A Tannico Shareholders.

Moët, Campari u Class A Tannico Shareholders jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikoli 3 (1) (b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Tannico kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Moët: il-produzzjoni u d-distribuzzjoni madwar id-dinja (prinċipalment fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa) tal-inbejjed u l-ispirti. Il-portafoll ta' Moët jinkludi ditti bħal Moët & Chandon, Dom Pérignon, Veuve Clicquot, Ruinart, Krug, Château Cheval Blanc, Château d'Yquem, Clos des Lambrays, Hennessy (cognac), Glenmorangie, Ardbeg, u Woodinville Whiskey Company (Scotch whiskies), Belvedere (vodka), u Volcan de Mi Tierra (tequila).

— Campari: il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' nbejjed u spirti fuq livell internazzjonali. Il-portafoll diversifikat ta' Campari jinkludi aktar minn 50 marka madwar id-dinja, inklużi Aperol, Campari, SKYY, Grand Marnier, Wild Turkey u Appleton Estate.

— l-azzjonisti ta' Tannico tal-Klassi A: Marco Magnocavallo huwa l-Kap Eżekuttiv attwali ta' Tannico. Flimkien ma' Andrea di Camillo, huma jikkontrollaw il-kumpanija ta' investiment Boox. Andrea di Camillo jikkontrolla wkoll P101, kumpanija Taljana ta' kapital ta' riskju ffokata fuq investimenti fi stadju bikri fis-settur diġitali.

— Tannico: bejgħ bl-imnut ta' nbejjed u spirti fil-kummerċ elettroniku.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10436 — MOËT HENNESSY / CAMPARI / CLASS A TANNICO SHAREHOLDERS / TANNICO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË